Nru. 418

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà mingħajr numru,
Triq it-Telgħa,
Il-Qala,

(ara l-pjanta f'paġna 3457) hija ta' valur arkitettoniku u għall-kontest li tinsab fih.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi danneġġata minħabba żvilupp.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward dan is-sit imsemmi hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy UCO* 7 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valur arkitettoniku u għall-kuntest li tinsab fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal jew tneħħija ta' ġebel ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà ta'l-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull intervent f'din il-proprjetà li jista' jkun permess skond il-provvedimenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati bil-quddiem mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Ix-xogħlijiet kollha jridu jkunu skond *method statement* li għandu jinkludi *survey* arkitettoniku tal-proprjetà ppreparat minn dak li jkun se jiżviluppa l-post għas-sodisfazzjon ta' u approvat mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà ssirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità ta' l-Ippjanar teżerċita s-sergħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-3 ta' Ġunju, 1997

No. 418

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Unnumbered property,
Triq it-Telgħa,
Qala,

(see plan on page 3457) is of architectural and contextual value.

The Authority also believes also believes that the property is in danger of being damaged by development.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act, 1992.

(i) The property is to be considered as a Grade 2 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual value.


(ii) The destruction infliction of damage, development, dumping or movement of material, or removal of stones within the property of the said buildings is prohibited.

(iii) Any interventions within the property which might be permissable according to the above must be aproved in advance in writing by the Planning Authority. All works must be according to a method statement which includes an architectural survey of the property prepared by the developer to the satisfaction of and approved by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the property is damaged or destroyed in contravention of this Order, the Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

3rd June, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E37793, N88330 Max E382161, N887951

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order:

Qala (Gozo)

Ref No. :- **GF 252/97**

Unnumbered Premises,
Triq it-Telgha,

Grade: 2

Form No. :- MU003